# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru. 2241

**Kaz Nru 2935/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Louisana Brincat**

**u**

**Carmel (Charles) Theuma**
**ghan-nom in rapprezentanza**
**ta' Saint Martin's Institute of IT.**

**(dwar tkeccija mill-impieg allegata**
**li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM., IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-Rikorrenti Louisana Brincat, li gie prezentat fir-Registru tal-Qorti fl'4 ta' Lulju 2011. Meta t-Tribunal Industrijali beda jisma' il-Kaz inkwestjoni, dehru r-Rikorrenti li kienet assistita mill-Avukat Josette Sultana u ghas-Socjeta' ntimata deher is-Sur Charles Theuma li kien assistit mill-Avukat Andrew Borg Cardona.**

**Fl'istqarrija tal-Kaz ir-Rikorrenti tghid, li kienet ilha mpjegata mas-Socjeta intimata bhala cleaner fuq bazi full-time sa mill 11 ta' Novembru, 2007. Fl'istqarrija taghha hija tghid ukoll, li qatt ma kellha problemi ma l-imghallmin taghha jew ma xi rapprezentanti tal-Institute. Dwar il-Kaz inkwestjoni li sehh fid-29 ta' April 2011, ir-rikorrenti tghid li hija giet avvicinata mis-Sur Porsella Flores ghaxar minuti qabel ma spiccat mix-xoghol, fejn infurmaha sabiex hija ma tmurx aktar ghax-xoghol u dan peress li fl-opinjoni tal-management, hija ma kienitx taghmel xogholha sew.**

**Fl'istqarrija taghha ir-Rikorrenti tghid ukoll, li hija kienet sorpriza b'din id-decizjoni tal-management u dan peress li qatt qabel ma kienet giet avvicinata li ma kienitx qed tghamel xogholha sew. Hija ttemm l-isqtarrija taghha fejn titlob lit-Tribunal Industrijali, sabiex jigu likwidati danni favur taghha u dan peress li l-Kaz taghha kien wiehed car ta' tkeccija ngusta.**

**Ghas-Socjeta ntimata da parti taghha qalet, li l-appellanti kienet impjegata fil-grad ta' cleaner u gie tterminat l-impieg taghha ghar-raguni li ma kienitx qed tghaqdi d-dmirijiet taghha ghas-sodisfazzjoni ragjonevoli tal-principali taghha. Is-Socjeta tghid ukoll, li kienet wissiet diversi drabi lir-Rikorrenti dwar in-nuqqasijiet taghha u finalment ma kienx hemm triq ohra ghajr dik li tittermena l'impieg taghha.**

**Mill-provi jirrizulta, li ir-Rikorrenti kienet impjegata fil-grad ta' Housekeeper b'effett mill-11 ta' Novembru 2007 u l-impieg taghha gie tterminat b'effett mit-30 ta' April 2011, fuq bazi ta' dixxiplina dik li hija ma kienitx qed tghaqdi d-doveri taghha sewwa fuq il-post tax-xoghol.**

**Matul is-smigh tal-Kaz is-Socjeta qalet, li kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn wissiet lir-Rikorrenti li ma kienitx qed tnaddaf sew il-post tax-xoghol u kien wara li tghat diversi twissijiet lir-Rikorrenti li ddecidiet li tittermina l-impieg taghha. Minn naha taghha, ir-Rikorrenti cahdet li hi ma kienitx qed tghaqdi dmirha sew u qalet ukoll, li kien hemm okkazzjonijiet fejn gibdulha l-attenzjoni, pero hi dejjem tghat spjegazzjoni u ragunijiet fejn gie indikat xi nuqqas.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li fit-22 ta' Novembru, 2010 il-management kien widdeb verbalment u liema twissija giet registrata bil-miktub lir-Rikorrenti. Ghal din it-twissija ir-Rikorrenti kkonfermat, li l-management kien kelliemha, pero cahdet li hi qatt irceviet twissija bil-miktub u kkontestat il-firma taghha li kienet indikata fid-dokument inkwestjoni.**

**Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li t-terminazzjoni ta' l-impieg taghha sehhet b'modd hesrem nhar id-29 ta' April, 2011. Quddiem it-Tribunal Industrijali gie stabilit, li f'din il-gurnata hija dahlet ghax-xoghol u hadmet b'modd normali, sakemm ghaxar minuti qabel ma spiccat il-gurnata tax-xoghol taghha, giet imsejjha mill-management fejn infurmawha li l-impieg taghha kien qed jigi tterminat b'effett immedjat. Hija tghid ukoll, li ir-ragunijiet li gew moghtija lilha kienu li ma kienitx qed tghaqdi d-doveri taghha sew.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-Kaz u l-ewwel kunsiderazzjoni li jiehu hija, l-kawza li wasslet ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrent, dik li l-impieg taghha gie terminat ghar-raguni li hija ma kienitx qed tilhaq il-livell mehtieg u mixtieq mill-management.**

**F’dawn il-Kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll dak li jghid il-management, li wissa diversi drabi lir-rikorrenti, izda ir-rikorrenti tichad li hija qatt giet moghtija xi twissijiet. Ghaldaqstant, f’cirkostanza ta’ din ix-xorta, meta jkollok sitwazzjoni ta’ allegazzjoni u cahda, ma jkunx facli li wiehed jasal ghal konkluzzjoni u hija ghal din ir-raguni li t-Tribunal Industrijali kemm il-darba sahaq f’diversi decizjonijiet, li kull twissija anke jekk tkun verbali, din ghanda dejjem tigi registrata bil-muktub, kif fil-fatt ghamel il-management f’okkazzjoni wahda, meta rregistra twissija verbali bil-miktub datata 22 ta’ Novembru 2010. Invista ta dan, it-Tribunal Industrijali l-unika prova li ghandu quddiemu hija, li ir-rikorrenti giet imwissija darba verbalment.**

**F’dawn il-Kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li l-kontenut ta’ din it-twissija verbali imsemmija hawn fuq, hija twissija wisq generika fejn fil-waqt li tghid, li ir-rikorrenti ma kienitx qed tilhaq il-livel tax-xoghol mixtieq pero, ma tghati l-ebda indikazzjoni ta’ fejn ir-rikorrenti kienet qed tonqos mix-xoghol taghha. Dan it-Tribunal Industrijali jishaq, li hu mportanti li meta jsiru akkuzi fil-konfront ta’ l-impjegati, dawn l-akkuzi ghandhom ikunu specifici u jindikaw wkoll fejn ikun naqas l-impjegat, importanti wkoll li tigi indikat il-gurnata u l-hin ta’ meta jkun sehh dan in-nuqqas. It-Tribunal Industrijali jishaq fuq dan il-punt ghar-raguni principali, sabiex l-impjegat ikun jistgha jiddefendi l-akkuzi li jkunu qed isiru fil-konfront tieghu b’modd xieraq.**

**It-Tribunal Industrijali f’dawn il-kunsiderazzjonijiet jikkunsidra wkoll, il-modd kif sehhet it-terminazzjoni ta’ l-impieg tar-rikorrenti, fejn hija marret ghax-xoghol normali, hadmet b’modd normali u ghaxar minuti qabel ma spiccat mix-xoghol taghha, giet mgharfa li l-impieg taghha kien qed jigi terminat ghal ragunijiet li hija ma kienitx qed tghaqdi dmirha sewwa.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jezamina ic-cirkostanzi tal-modd kif saret it-terminazzjoni ta' l-impieg isib, li fil-gurnata li gie tterminat l-impieg tar-rikorrenti, ma kien sehh l-ebda incident li kien iwassal lill management biex jittermina l-impieg tar-rikorrenti, infatti meta ir-rikorrenti giet imsejjha mill-management li kien se jitterminalha l-impieg taghha, ma kienx irreferilha ghal ebda incident li kien sehh f'dak il-jum jew xi incidenti li sehhew fil-jiem ta'qabel. Ghaldaqstant, mill-provi li tressqu quddiem it-Tribunal Industrijali gie stabilit li t-terminazzjoni ta' l-impieg saret b'modd hesrem.**

**Kif diga gie spjegat f'dawn il-kunsiderazzjonijiet, it-Tribunal Industrijali kemm il-darba sahaq li l-impjegat ghandu jkollu l-hin u iz-zmien xieraq biex jiddefendi l-akkuzi fil-konfront tieghu b'modd xieraq u biex dan isehh, il-management ghandu johrog Att ta' akkuza bil-miktub, li generalment tissejjah "Charge", fejn fih tigi indikata l-gurnata u possibilment il-hin ta' meta fl'opinjoni tal-management ikun sar in-nuqqas mill-impjegat. Ma dan, l-impjegat ghandu jkollu l-opportunita li jiddefendi dawn l-akkuzi b'assistenza ta' l-ghazla tieghu.**

**Ghaldaqstant dan it-Tribunal Industrijali jikkunsidra, li l-management naqas meta ttermina l-impieg tar-rikorrenti b'modd hesrem u ma ta' l-ebda opportunita lir-rikorrenti li tiddefendi l-kaz taghha b'modd xieraq.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u ppprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-partijiet, isib u jasal ghal konkluzzjoni, li ir-rikorrenti ma kienitx f'qaghda li tiddefendi l-alleggazzjonijiet fil-konfront taghha b'modd xieraq u ghaldaqstant, t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet ingusta u bi ksur tal-ligi. Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li fil-waqt li l-impieg ma jergax jigi moghti lura, ir-**

**rikorrenti ghandha tigi moghtija kumpenss mis-socjeta ta' €5,000 (hames t'elf euro) liema kumpenss ghandu jithallas lir-Rikorrenti fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet, ma kienx possibbli li dan il-Kaz jigi deciz fiz-zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**

**Illum : 24 ta' Settembru, 2013**